

*Charles Busuttil, ifisser kif flimkien ma' missieru Feliċ ħoloq ...*



# Kitarrin Malti mibni fuq kitarrin oriġinali ta' madwar 150 sena ilu

Daqs ħmistax-il sena ilu kont xtrajt kitarra żgħira antika ħafna u fi stat ħażin ferm mingħand xi ħadd li kien se jarmiha. Wara ftit riċerka, skoprejt li dan kien kitarrin Malti ta' xi 150 sena ilu. Il-kitarrin jidher f'diversi xogħlijiet tal-arti antiki bħal pitturi u inċiżjonijiet. Dan hu bażikament kitarra żgħira fil-qies, u li kien jintona ruħu permezz ta' ċwievet bħalma jintużaw *fiċ-ċello* jew vjolin. Il-kitarrin għandu ħoss ħelu u jgħajjat. Kien jintuża ħafna bħala strument tat-triq u kien importanti li jinstema' mhux biss fl-akkumpanjament iżda anke fil-melodija. Maż-żmien, il-kitarrin żviluppa f'dak li llum insejħulu t-terzin u l-pastardin.



Għal snin twal dan il-kitarrin baqa' f'rokna fil-garaxx fejn jien u missieri ilna dawn l-aħħar 22 sena nsewwu, nirrestawraw u nibnu strumenti tal-korda. Xi żmien ilu kont qed nikkorrispondi fuq l-internet ma' ħabib tiegħi ta' nisel Malti li jgħix l-Amerika. Bħas-soltu konna qed nitħaddtu fuq il-kitarri u semmejt dan il-kitarrin. Talabni xi dettalji u qalli li jixtieq li nibnulu wieħed.



Ħafna mix-xogħol kien jikkonsisti fil-bini ta' għodda u forom li l-qisien tagħhom ittieħdu minn fuq il-kitarrin l-antik. Qabel ma jibda jinbena, kien jeħtieġ li jsiru n-nofs forma li fuqha jitgħawweġ l-injam tal-ġnub, u l-forom ta' ġewwa u barra li fihom tinbena l-kaxxa tal-kitarrin.



L-injam li ntuża hu kollu injam li kemm ilni ħaj niftakru ppustjat fuq xkaffar għoli ħdejn is-saqaf tal-garaxx ta' missieri. Għażilna kewba tal-Honduras għad-dahar, kewba tal-Brażil għall-ġnub, kewba bajda għall-għonq, slitna

*"Il-kitarrin jidher f'diversi xogħlijiet tal-arti antiki bħal pitturi u inċiżjonijiet."*







*"Kien jintuża ħafna bħala strument tat-triq u kien importanti li jinstema' mhux biss fl-akkumpanjament iżda anke fil-melodija."*



travu antik biex saffejna injam tat-tip 'Swedish pine' għall-wiċċ, u ġewż għat-tastiera, il-pastas tal-għonq u l-iskarnell. L-injam kollu li ntuża kien mastizz, ma ntuża l-ebda *plywood*. Dan hu importanti ħafna sabiex il-ħoss ikun sabiħ u unit meta l-kitarrin ikun lest.

Il-wiċċ inħadem minn tliet strixxi ta' injam maħdumin irqaq u inkullati ħdejn xulxin. Id-dahar inħadem f'biċċtejn maqtugħin mill-istess biċċa u miftuħin ktieb sabiex il-vina taqbel. Din it-teknika tissejjaħ *book matching*. Il-ġnub jinħadmu minn biċċtejn strixxi ta' kewba mastizz li tixxarrab għal xi ġranet biex imbagħad iddur bin-nar fuq il-forma. Il-kaxxa kollha tingħaqad fuq il-majjieri ġol-forma. Qabel jingħalaq id-dar irid jeħel l-għonq bit-tastiera. Ġiet installata wkoll sistema elettronika ta' mikrofonu apposta ġewwa l-kitarrin biex ikun jista' jitqabbad ma' sistemi ta' *sound* fejn ikun hemm bżonn.

L-istrument ġie rfinut sewwa qabel ma ngħata l-lostru tat-tajjara.

Il-leħen li kellu dan il-kitarrin hu xi ħaġa tal-għaġeb, li ma tippretendix minn kitarra ta' daqs żgħir. B'għafsa ta' qalb kellna nippakkjawh sewwa u nibagħtuh lejn l-Amerika. Fil-verità, ħarġet qalbna miegħu!

*"B'għafsa ta' qalb kellna nippakkjawh sewwa u nibagħtuh lejn l-Amerika. Fil-verità, ħarġet qalbna miegħu!"*